MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 101/2003

**App Nru 101/03**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Reginiano Caruana**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kontra Reginiano Caruana talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud naqas li jikkonforma ruhhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4 ta’ Ottubru, 2001 u moghtija fil-konfront tieghu in kwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien xaharejn mid-data tas-sentenza jikkonforma ruhhu mal-ligi u fin-nuqqas kellu jehel multa ohra ta’ sitt liri Maltin ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgahddi l-imsemmi zmien; ghalhekk il-prosekuzzjoni talbet

li l-imsemmi Caruana jigi kkundannat li jhallas il-penali msemmija fis-sentenza (tal-4 ta’ Ottubru, 2001) ghall-periodu li jibda mill-5 ta’ Dicembru, 2001 sat-8 ta’ Mejju, 2003, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta’ Mejju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Reginiano Caruana hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-penali ta’ tlett elef mija w ghoxrin lira (Lm3120) multa ghall-periodu bejn il-5 ta’ Dicembru, 2001 u 8 ta’ Mejju, 2003, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Reginiano Caruana, minnu ppresentat fis-16 ta’ Mejju, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, li meta nghatat is-sentenza tal-4 ta’ Ottubru, 2001 – fejn huwa kien deher u ammetta l-imputazzjoni – hu ma kienx fehem x’kien l-ezitu taghha, jigifieri x’kien obbligat li jaghmel in segwitu ghal dik is-sentenza. Hu jghid li fil-fatt f’dik il-gurnata – l-4 ta’ Ottubru, 2001 – hu kien mar il-Qorti bl-intenzjoni li jammetti, u kien ghalhekk li ma hassx il-bzonn li jqabbad avukat biex jassistih. Meta giet pronunzjata s-sentenza hadd – dejjem skond l-appellant – ma spjegalu x’kienet il-portata taghha u in partikolari li huwa kellu terminu ta’ xaharejn biex jikkonforma ruhhu mal-ligi taht penali ta’ sitt liri kulljum fin-nuqqas. Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti fl-udjenza tad-29 ta’ Settembru, 2003 l-abbili difensur tal-appellant issottometta li hawn si tratta ta’ zball ta’ fatt u li konsegwentement l-ewwel qorti ma kientx korretta meta sabet lill-appellant, allura imputat, hati kif sabitu bis-sentenza tat-8 ta’ Mejju, 2003.

Din il-Qorti ma tistax tilqa` dana l-appell. Hawn ma ghandniex il-kaz ta’ “mistake of fact”, kif donnu qed jippretendi l-appellant, izda ta’ zball ta’ ligi – f’dan il-kaz ligi ta’ natura penali. In fatti l-Artikolu 76 tal-Att XXIII ta’ l-1998

espressament jipprovdi li min, fost affarijiet ohra, jonqos li jiddenunzja taxxa (u din kienet l-imputazzjoni li wasslet ghas-sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2001) jehel certa multa u l-qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, **ghandha** tordnalu li jikkonforma ruhhu mal-ligi u li hemm penali jekk huwa ma jaghmilx hekk. Issa, mis-sentenza tal-4 ta' Ottubru, 2001 (fol. 7 tal-process) jidher car li l-prosekuzzjoni f'dak il-kaz kienet talbet li l-qorti "tordna lill-imputat li jikkonforma ruhhu mal-ligi". Galadarba Caruana mar biex jammetti l-imputazzjoni – kif effettivament ghamel – u fl-imputazzjoni kien hemm l-imsemmija talba, l-ewwel qorti kienet obbligata bil-ligi li tipprefiggi terminu li fih huwa kellu jikkonforma ruhhu mal-ligi, b'mod li jkun hemm ukoll il-penali skond il-ligi jekk huwa jonqos milli josserva dak it-terminu. Ghalhekk l-appellant ma jistax jghid, jew ahjar ma jistax igib bhala difiza, li hu ma kienx jaf li kien hemm dana t-terminu u l-penali fin-nuqqas. Kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant haseb genwinament li, per ezempju, kellu terminu ta' tlett xhur (li huwa l-massimu li l-ligi tippermetti) flok ta' xaharejn, il-posizzjoni setghet, forsi, kienet differenti; pero` li jghid li *"ma kienx konxju tat-terminu li kien gie impost [fuqu] u fuq kollox ma kienx jaf li kien hemm penali fil-kaz li ma jaghmilx dak mitlub minnu"* jammonta f'dan il-kaz ghal semplici zball jew injoranza tal-ligi. Apparti minn hekk din il-Qorti ma tistax tissanzjona n-non-kuranza u t-traskuragni ta' min, wara li tkun inghatat sentenza fil-konfront tieghu u forsi ma jkunx fehem ezatt il-portata taghha, anqas biss jiehu l-izbriga li jikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali jew imur jistaqsi fir-registru biex jikkonferma x'kien l-ezitu tal-pronunzjament tal-qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan pero` li qed tikkoncedi lill-appellant li jhallas il-multa b'rati mensili ta' mhux anqas minn sebgha w tmenin lira (Lm87) fix-xahar, bl-ewwel pagament dovut mhux aktar tard minn gimgha mil-lum, u bid-dekadenza mill-beneficcju tal-hlas rateli fil-kaz ta' nuqqas ta' pagament anke wiehed biss.

U peress li mid-deposizzjoni ta' l-appellant moghtija fl-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2003 jidher li huwa ghandu

anqas hallas il-multa ta’ mitt lira fuqu imposta bis-sentenza tal-4 ta’ Ottubru, 2001, tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi minnufih komunikata lir-Registratur tal-Qrati sabiex jiehu l-mizuri mehtiega ghall-gbir jew konversjoni ta’ din il-multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------